# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Novembru, 2016.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 46/2014 SM**

**Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Marcellus *sive* Marcel Agius**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-referenza kostituzzjonali sottomessa mill-Qorti Kriminali datata z-17 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha sintetikament issollevat is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' rikors datat l-1 t'April, 2014, l-intimat Agius opprezenta referenza dwar ordni lilhu moghti waqt

kumpilazzjni fejn gie hemm ordnat jaghti kampjun tal-kalligrafija tieghu;

1.2. Illi l-inputat *de quo* isosstni li m'ghandux jigi assoggettat ghal tali ezercizzju ghaliex b'hekk ikun qed isahhah il-kaz tal-Prosekuzzjoni bi pregudizzju ghalih;

1.3. Illi f'din ic-cirkostanza mhix inkluza fl-artiklu 379 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

1.4. Illi jiddistingwi *ai termini* tal-kaz ***Saunders vs. U.K.*** datat iz-***17 ta' Dicembru, 1996***, bejn is-segwenti cirkostanzi:

1.4.1. Kampjun mehuda ghaliex jezistu fizikament, bhal demm, urina, nifs, fotografiji, qisien u impronti digitali;

1.4.2. Kampjuni li jiddependu mill-volonta` tal-imputat li jigi kostrett li jaghtihom;

1.5. Illi fir-rigward tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali *ai termini* tal-Kap 101, jirreferi ghas-sentenza ***Camilleri vs. Malta***, deciza mill-***Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem*** datata t-***22 ta' Jannar, 2013***;

1.6. Illi fir-rigward tal-lanjanzi fuq riprodotti jirrizulta li l-Avukat Generali oppona ghall-istess referenza tar-rikorrenti, u dan *stante*:

1.6.1. Illi l-akkuzat kien ta l-kampjun tal-kalligrafija tieghu minghajr m'oppona tali talba li kienet saritlu biex jirrilaxxa l-istess;

1.6.2. Illi bil-ghan li tkun tista' tistabbilixxi l-verita`, Qorti Istruttorja ghandha l-poteri wieghsa – inkluz li tordna t-tehid ta' tali kampjun;

1.6.3. Illi in sostenn tas-suespost, ikkwota:

1.6.3.i. Profs. Edward Richards fil-ktieb *"Criminal Law, Applying the Constitutional Protections*"; u

1.6.3.ii. Paragrafu numru 69 tas-sentenza ***Saunders vs. United Kingdom*** fuq gia` riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

1.6.4. Illi jissottometti li s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti mhix applikabbli ghall-kaz odjern;

1.7. Illi rigward id-diskrezzjoni tal-Aukat Generali l-istess qorti referenti ddikjarat li m'hemmx kontestazzjoni u ma taqbilx li din iggib ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem;

1.8. Illi rigward il-kampjun tal-kalligrafija l-istess qorti riferenti sintetikament qalet is-segwenti:

1.8.1. Illi l-espert nominat kien ta' tliet (3) kampjuni kalligrafici;

1.8.2. Illi l-kampjuni ezaminati u paragunati kienu jirrizultaw li kollha kienu maghmula mill-istess awtur;

1.8.3. Illi l-imputat awtur kellu l-karatteristika li jikteb b'modi differenti;

1.8.4. Illi ghalhekk l-espert nominat hass il-htiega li jerga jiehu kampjuni ohra ghall-analizi aktar approfondita;

1.8.5. Illi din it-talba tal-espert giet milqugha mill-Qorti Istruttorja;

1.8.6. Illi fl-analizi konklussiva tieghu l-istess espert forensiku *de quo* wasal ghall-konkluzjoni li hemm kompatibilita` bejn il-kampjuni elevati minn Marcel Agius u l-kitba li tidher miktuba fuq karta iffirmata, u ghalhekk ikkonkluda li l-istess gew miktuba mill-istess persuna;

1.8.7. Illi l-artiklu 397 tal-Kap 9 fuq riferit jelenka l-poteri tal-Magistrat Inkwirenti;

1.8.8. Illi d-dritt li wiehed ma jinkriminax lilu nnifsu hu dritt rikonoxxut mill-Qorti Ewropea fuq riferita fil-kaz ***Funke***, u ikkonfermat f'***John Murry vs. the U.K.***; ***Saunders vs. U.K.***; u f'***Heaney and Mc Guinness***;

1.8.9. Illi l-istess gie ribadit mill-awturi Heinrich, Rauch u Wieher fl-artiklu taghhom *"Ne tenetur isum (recte ipsum) se accusare ?"*, (ara foll 3);

1.8.10. Illi l-istess qorti riferenti hadet konjizzjoni tas-sitwazzjoni Amerikana rigwardanti l-Hames Emendament;

1.9. Illi l-istess qorti rribadiet li din mhix kwistjoni frivola u sintetikament argumentat bil-mod segwenti:

1.9.1. Illi t-tehid ta' kampjuni mhux esperiment kif imsemmi fl-artiklu 379 tal-Kap 9 fuq indikat;

1.9.2. Illi *prima facie* l-kaz ***Saunders vs. U.K.*** m'ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern *stante* li tal-ewwel jirrigwarda dokumenti u tal-ahhar jirrigwarda kampjuni kalligrafici;

1.10. Illi pero` jridu jigu approfonditi l-kwistjonijiet segwenti:

1.10.1. Jekk japplikawx il-kriterji stabbiliti fil-kaz ***Saunders vs. U.K.*** ghall-kaz in dizamina; u

1.10.2. Jekk kazijiet ohrajn jistghux jitfghu dawl dwar il-limitazzjoni tad-dritt li wiehed ma jinkriminax ruhhu;

1.11. Illi ghalhekk l-istess Qorti Kriminali rriferiet din il-procedura Kostituzzjonali lil din il-qorti biex tindirizza s-segwenti zewg (2) kweziti:

1.11.1. Jekk id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taht il-Kap 101 fuq riferit tiksirx id-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

1.11.2. Jekk it-tehid ta' kampjuni minghajr oppozizzjoni tal-akkuzat imurx kontra d-dritt sancit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

2.0. Rat ir-risposta datata l-17 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha l-Avukat Generali sintetikament irrisponda bil-mod segwenti: (ara foll 1158)

2.1. Illi l-allegazzjonijiet tal-inputat Agius huma kollha infondati;

2.2. Illi mhux minnu li gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-istess kif delineati fir-referenza in dizamina;

2.3. Dwar id-**Diskrezzjoni tal-Avukat Generali**:

2.3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rigward huma intempestivi *stante* li l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni jirreferu ghall-persuna li tkun diga` ghaddiet proceduri gudizzjarji kriminali u giet misjuba hatja, u mhux wahda fejn il-proceduri fil-konfront taghha jkunu ghadhom pendenti;

2.3.2. Illi l-ordni tal-Avukat Generali fir-rigward inharget *ai termini* tal-Kap 31 tal-Ligijiet *de quo* u mhux *ai termini* tal-Kap 101 kif indikat fir-referenza in dizamina, (ara foll 2);

2.3.3. Illi d-diskrezzjoni *de quo* tal-Avukat Generali giet ezercitata fil-parametri legali stabbiliti u b'mod kunxenzjuz;

2.3.4. Illi *di piu`*, l-istess Avukat Generali jista' wkoll jigi skrutinat fil-qrati fir-rigward;

2.3.5. Illi d-diskrezzjoni in dizamina hi direzzjonali u mhux kostituttiva tal-azzjoni penali;

2.3.6. Illi fir-rigward tal-kaz ***Camilleri vs. Malta*** datat it-***22 ta' Jannar, 2013***, tal-***Qorti Ewropea*** jinghad li

ghad-differenza mal-kaz kriminali odjern, il-kaz ta' Camilleri kien diga` deciz;

2.3.7. Illi l-istess Qorti Ewropea kkritikat biss in-nuqqas ta' prevedibilita`;

2.3.8. Illi fil-kaz in dizamina Agius kellu l-possibilita` janticipa liema qorti kienet ser tisma' u tiddeciedi l-kaz tieghu;

2.3.9. Illi fl-istess kaz ***Camilleri vs. Malta*** fuq riferit, l-Avukat Generali jabbraccja l-opinjoni parzjalment dissenzjenti tal-Imhallef Malti hemm riprodotta;

2.3.10. Illi fil-frattemp is-sitwazzjoni inbidlet *stante* li gew introdotti emendi godda li stabbilew il-kriterji li fuqhom ghandu jimxi l-Avukat Generali fir-rigward;

2.4. Dwar it-**Tehid ta' Kampjuni Kalligrafici**:

2.4.1. Illi *stante* li l-artiklu 397 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet *de quo* jaghti l-fakolta` lill-Magistrat Inkwirenti li jista' jordna kull haga ohra biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta, allura l-ordni ghall-gbir ta' kampjun kalligrafiku hu ordni legittimu u skont il-ligi;

2.4.2. Illi fir-rigward tal-principju li persuna ma tistax tinkrimina lilha nnifisha l-istess Avukat Generali irrefera ghas-segwenti sentenzi:

2.4.2.i ***Saunders vs. U.K.*** datata z-17 ta' Dicembru, 1996;

2.4.2.ii. ***Choudhary vs. U.K.*** datata l-4 ta' Mejju, 1999;

2.4.2.iii. ***J.B. vs. Switzerland***;

2.4.2.iv. ***P.G. and J.H. vs. U.K***;

2.4.3. Illi l-inputat Agius ma gie ordnat jikteb l-ebda skrittura inkriminanti u ta kampjun tal-kalligrafija tieghu minghajr opposizzjoni lill-espert *de quo*;

2.4.4. Salv risposti ulterjuri;

2.5. Illi ghalhekk dawn iz-zewg (2) kapi fuq delineati ma jilledux id-drittijiet fundamentali tal-inputat Agius;

3. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 1198);

Ikkunsidrat:

4. Illi in vista tal-premess jigi sottolineat li l-kaz odjerna jikkonsisti f'referenza kostituzzjonali pprezentata mill-Qorti Kriminali wara talba appozita tal-imputat Agius fil-kawza kriminali kif hemm akkuzat fl-Att t'Akkuza numru 33/2013, (ara foll 5);

5.0. Illi r-referenza in dizamina tiffoka fuq zewg (2) kweziti:

5.1. Id-Diskrezzjoni tal-Avukat Generali fil-kaz in dizamina; u

5.2. It-Tehid ta' Kampjuni Kalligrafici;

Ikkunsidrat:

A. **Id-Diskrezzjoni tal-Avukat Generali**:

6.0. Illi dwar l-ewwel kwezit fuq indikat jinghad sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi ghalkemm ir-referenza kurjali tindirizza d-diskrezzjoni in dizamina bhala naxxenti mill-Kap 101 fuq riferit, (ara foll 4), effettivament din hi naxxenti mill-Kap 31 tal-istess Ligijiet ta' Malta;

6.2. Illi l-inputat Agius kien akkuzat b'assocjazzjoni m'ohrajn biex jimporta, ibigh jew jittraffika medicina u droga ohra f'Malta, (*ecstasy – MDMA)*, (ara foll 7);

6.3. Illi f'dan il-kamp l-Avukat Generali ghandu d-diskrezzjoni jindirizza s-smigh ta' tali kaz:

6.3.1. Jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali;

6.3.2. Jew quddiem il-Qorti Kriminali ;

6.4. Illi fl-ewwel ipotesi l-piena massima hi ta' ghaxar (10) snin prigunerija u multa;

6.5. Illi fit-tieni ipotesi l-piena massima hi ta' ghomor il-habs u multa ferm aktar gravanti;

7. Illi f'dan il-kap l-imputat talab li ssir riferenza kostituzzjonali biex jigi deciz jekk din id-diskrezzjoni tilledix id-drittijiet fundamentali tieghu *ai termini* tal-artiklu 7 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 (8) tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

8. Illi f'dan ir-rigward il-**Van Dijk** u **Van Hoof** isosstnu is-segwenti fil-ktieb taghhom ***"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"***, ***Third Edition***, p. 479:

> "In virtue of the wording of Article 7 the measure in question must be imposed following a conviction for a "criminal offence". The Court takes this as a starting point";

9. Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament jirrizulta pacifiku li l-paragun li jaghmel l-imputat mad-decizjoni ***Camilleri vs. Malta*** fuq citata, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel), hu insosstenibbli *stante* li kuntrarjament ghas-sitwazzjoni prezenti tal-imputat odjern Agius, meta Camilleri kien intavola l-lanjanza tieghu dan kien gia` gie misjub hati mill-Qorti Kriminali;

10. Illi jirrizulta manifestament assodat li fil-kaz odjern il-proceduri kriminali prezentement pendenti fil-konfront tar-rikorrenti ghadhom mhumiex definittivament konkluzi;

11. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb et***, datata s-***6 ta' Frar, 2015***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** sostniet is-segwenti:

> "Din il-qorti diga kellha okkazjoni titratta dan il-punt f'sentenzi ohrajn fosthom il-kaz ***Joseph Lebrun vs. Avukat Generali***, u ***Martin Dimech vs. Avukat Generali*** li ghalihom qed issir referenza. L-artiklu 7 *de quo* fil-parti rilevanti tieghu jaqra hekk:
>
> "(1) Hadd ma ghandu jitqies hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ammissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont il-ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar".
>
> "Minn din id-dispozizzjoni ghandu jirrizulta car li sabiex tikkonfigura lezjoni hemm kontemplata jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Dan huwa pre-rekwizit essenzjali ghall-ezami tal-punt jekk giex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett";

12. Illi ghalhekk l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni ma jirrizultax li hu applikabbli ghall-kaz in dizamina *stante* li jonqos wiehed mir-rekwiziti ghall-applikabilita` tieghu, senjatament is-sejbien ta' htija tal-imputat in dizamina ghar-reati addebitati lilu;

13. Illi in vista tal-premess jirrizulta ghalhekk li r-riferenza mitluba mill-imputat lill-Qorti Kriminali li wasslet ghall-procedura odjerna hi effettivament intempestiva u ma tistax tigi akkolta, anke taht id-dispost tal-artiklu 39 (8) tal-Kostituzzjoni;

14. Illi fil-kaz ***Mirchev and Others vs. Bulgaria***, deciz fis-***27 ta' Novembru, 2008***, il-***Qorti Ewropea*** *de quo* osservat is-segwenti f'dan ir-rigward:

> "The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims" within the meaning of ... article 7 (1) of the Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment";

15. Illi fil-kaz odjern jirrizulta pacifiku li l-imputat Agius ghadu ma giex misjub hati ta' reat kriminali *stante* li jirrizulta palesi li l-proceduri kriminali introdotti fil-konfront tieghu ghadhom pendenti;

16. Illi finalment jigi osservat li wara l-introduzzjoni ta' diversi emendi fir-rigward, tramite l-Att XXIV, li saru operattivi fl-14 t'Awwissu, 2014, l-imputat Agius ghandu issa sahansitra anke l-fakolta` li jappella mid-decizjoni in kwistjoni tal-Avukat Generali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

17. Illi ghalhekk illum, id-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali fir-rigward hi issa sindakabbli gudizzjarjament, ghalhekk, minn qorti imparzjali u indipendenti, biex b'hekk il-biza ta' abbuz minn diskrezzjoni insindakabbli sollevata mill-imputat ma treggix;

18. Illi in vista tas-suespost din ir-referenza sollevata mill-Qorti Kriminali wara talba appozita mill-imputat Agius rigwardanti d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali ma tistax tigi akkolta, la taht id-dispost tal-artiklu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni;

Ikkunsidrat:

B. **It-Tehid ta' Kampjuni Kalligrafici**:

19.0. Illi dwar it-tieni referenza fuq indikata jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-artiklu 397 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet *de quo* jistabbilixxi l-poteri tal-Qorti Istruttorja u jiddelinea l-ordnijiet li din il-qorti tista' taghti fir-rigward it-tehid ta' kampjuni mill-gisem ta' imputat;

19.2. Illi l-artiklu *de quo* jistipula precizament is-segwenti:

> "Il-qorti tista' tordna t-tahrika ta' xhieda u l-produzzjoni ta' provi li jkun jidhrilha mehtiega, kif ukoll il-hrug ta' citazzjonijiet u mandati ta' arrest kontra kull awtur iehor jew komplici li hija tikxef. Il-qorti tista' tordna wkoll accessi, perkwizizzjonijiet, esperimenti, t-tehid ta' xi kampjun u kull mizura jew haga ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox";

19.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghar-***Referenza Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs. Nazzareno Grech***, deciza fid-***9 ta' Lulju, 2014***, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Mill-artiklu 397 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq kwotat, huwa evidenti li l-ligi Maltija tippermetti l-ezamijiet tal-partijiet tal-gisem tal-imputat kemm ghal dak li jirrigwardja kampjuni intimi kif ukoll ghal dawk mhux intimi li jkopru sintendi kampjun tal-kalligrafija moghti mill-imputat ... din l-ahhar parti tal-artiklu 397 li giet sottolinejata minn din il-qorti, kienet intiza mill-legislatur Malti biex tkopri dawk l-izviluppi xjentifici u forensici li, mal-medda taz-zmien, jigu skoperti, minghajr il-htiega ta' bdil kontinwu fil-legislazzjoni. Ix-xjenza tal-kalligrafija hija wahda minn dawn l-izviluppi forensici";

19.4. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li l-qorti in dizamina ghandha s-setgha statutorjament lilha moghtija kif fuq jirrizulta evidenti, biex tordna dak kollu li hi thoss il-htiega li taghmel biex tigbor il-provi kollha li jirrizultaw mehtiega skont il-kaz;

19.5. Illi ghalhekk l-ordni tal-Qorti Istruttorja in dizamina biex jingabru kampjuni kalligrafici tal-inputat Agius hu ordni legittimu u legali u hu effettivament wiehed mill-interventi lanqas invasivi kontemplati;

19.6. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-ordni moghti mill-imsemmija qorti biex jittiehdu l-kampjuni kalligrafi *de quo* hu ordni legittimu fit-termini tal-artiklu 397 tal-Kap 9 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

20. Illi f'dan ir-rigward l-intimat riferenti jilmenta li dan it-tehid tal-kampjuni tal-kalligrafija tieghu jilledu l-artiklu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tieghu;

21. Illi fid-dawl tal-artikli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni riferiti fil-paragrafu precedenti jigi sottolineat li l-imputat *de quo* ghandu dejjem id-dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu fi proceduri kriminali;

22. Illi f'dan ir-rigward *Cross & Tapper*, fil-ktieb taghhom *"On Evidence"*, *8th Edition*, p. 454, jikkwotaw lil ***Murphy J*** fil-kawza ***Pyneboard Pty. Ltd. vs. Trade Practices Commission (1983)***, li jghid f'dan is-sens is-segwenti:

> "The privilege – a bastion of human freedom from oppression by the state... The privilege against compulsory self-incrimination is part of the common law of human rights. It is based on the desire to protect personal freedom and human dignity. These social values justify the impediment the privilege presents to judicial or other investigations. It protects the innocent as well as the guilty from the indignity and invasion of privacy which occurs in compulsory self-incrimination. It is society's acceptance of the inviolability of human personality";

23. Illi f'***Saunders vs. U.K.*** datata z-***17 ta' Dicembru, 1996***, fuq riferita, gie ritenut is-segwenti:

> "...the right to silence and right not to incriminate oneself are generally recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under article 6";

Ikkunsidrat:

24. Illi fir-rigward tad-dritt li persuna ghandha biex ma tinkriminax lilha nnifisha issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Ewropea de quo***, fl-ismijiet ***Jalloh vs. Germany***, datata l-***11 ta' Lulju, 2006***, li sosstniet is-segwenti fir-rigward:

> "The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independence of the will of the suspect such as, *inter alia*, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing. (see ***Saunders***, ***Choudhary vs. the United Kingdom ... 4 May, 1999***; ***J.B. vs. Switzerland*** ... and ***P. G. and J. H. vs. the United Kingdom...***)";

25. Illi *di piu`*, jinghad ukoll li fid-dawl tas-suespost hu ormai assodat li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha kontra akkuzat minghajr ma tuza evidenza miksuba b'koercizzjoni jew b'oppressjoni, jew b'mod li jmur kontra l-volonta` tal-akkuzat, (ara l-istess ***Saunders*** fuq gia` riferit diversi drabi u ***Heaney and Mc Guinness vs. Ireland***, Applikazzjoni Numru 34720/97; ***Allan vs. U.K.***, Applikazzjoni Numru 48539/59; u ***J.B. vs Switzerland***, Applikazzjoni Numru 31827/96;

26. Illi f'dan ir-rigward, fil-kawza fl-ismijiet ***Bykov vs. Russia***, datata l-***10 ta' Marzu, 2009***, il-***Qorti Ewropea*** fuq riferita tghid is-segwenti:

> "In examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination, the Court must examine the nature and degree of the compulsion, the existence of any relevant safeguards in the procedures, and the use to which any material so obtained is put (see for example, ***Heaney and Mc Guinness vs. Ireland***, no. 34720/97... ECHR 2000 – XII, and ***J.B. vs. Switzerland***, no. 31827/96, ECHR 2001 – III);

Ikkunsidrat:

27. Illi fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti gew hekk stabbiliti r-rekwiziti li huma l-qofol tal-kuncett ta' procedura gusta taht l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni biex jigi assigurat li akkuzat ikun protett minn ingerenza u koercizzjoni indebita mill-awtoritajiet;

28. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward wiehed ghandu jiffoka l-attenzjoni tieghu biex jindividwa u janalizza s-segwenti:

28.1. In-natura u s-severita` ta' koercizzjoni uzata;

28.2. L-ezistenza *o meno* ta' salvagwardji fil-procedura lamentata;

28.3. L-uzu intiz ghall-materja miksuba;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi fid-dawl tas-suespost jigi konstatat sintetikament is-segwenti:

29.1. **In-Natura u s-Severita` ta' Koerzjoni Uzata:**

29.1.1. Illi t-tehid tal-kampjuni kalligrafici huma intervent minimu;

29.1.2. Illi dan l-intervent ma jirrikjedi l-ebda ingerenza medika jew forza attiva fuq il-persuna tal-imputat riferenti;

29.2. **L-Ezistenza *o meno* ta' Salvagwardji fil-Procedura Lamentata:**

29.2.1. Illi fil-kaz in dizamina t-tehid tal-kampjuni kalligrafici ttiehdu fir-rispett tas-salvagwardji kollha tal-ligi;

29.2.2. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li dawn ittiehdu taht l-iskrutinju u kontroll tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

29.2.3. Illi tali kampjuni ttiehdu minn espert indipendenti espressament nominat ghal dan il-ghan;

29.3. **L-Uzu intiz ghall-Malterja Miksuba:**

29.3.1. Illi l-iskop u n-necessita` ghat-tehid tal-kampjuni *de quo* kien intiz ghall-finijietli, l-kalligrafija li kienet fuq il-pakkett li kien intercettat mill-pulizija jigi pparagunat mal-kallegrafija tal-intimat odjern;

29.3.2. Illi dan l-intervent fil-gbir ta' dawn il-kampjuni ma involvewx intromissjonijiet jew interferenzi ohra fuq il-persuna tal-imputat;

Ikkunsidrat:

30. Illi in vista tas-suespost din ir-referenza sollevata mill-Qorti Kriminali wara talba appozita mill-imputat Agius rigwardanti t-tehid ta' kampjuni kalligrafici in dizamina ma tistax tigi akkolta *stante* li ma timminax id-dritt tal-imputat li ma jinkriminax lilu nnifsu, u ghalhekk, ma tivvjolax l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

**DECIDE:**

31.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li t-talbiet lilha riferiti mill-Qorti Kriminali b'xi mod kissru d-drittijiet fundamentali tal-imputat Agius u konsegwentement:

31.1. Tordna li l-atti kollha tal-kawza jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali;

31.2. Tordna wkoll li l-istess Qorti Kriminali tkompli bil-procedura in dizamina fl-istat li din il-procedura kienet wasslet immedjatament qabel ma saret l-ordni ta' referenza hawn issa rizolta;

31.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-inputat Marcellus *sive* Marcel Agius li bir-rikors tieghu quddiem il-Qorti Kriminali instiga r-referenza in dizamina.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**